001996/EU XXV. GP
Eingelangt am 14/11/13

COUNCIL OF
THE EUROPEAN UNION

Brussels, 14 November 2013
(OR. en, mt)

16230/13

**Interinstitutional File:**
**2013/0157 (COD)**

**TRANS 593**
**MAR 173**
**FIN 764**
**INST 611**
**PARLNAT 285**

**NOTE**

| | |
|---|---|
| From: | Maltese Parliament |
| On: | 29 July 2013 |
| To: | General Secretariat of the Council |
| Subject: | Proposal for a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL establishing a framework on market access to port services and financial transparency of ports<br>- Opinion on the application of the Principles of Subsidiarity and Proportionality[1]<br>doc. 10154/13 TRANS 272 MAR 62 FIN 300 CODEC 1234 + ADD 1-5<br>COM(2013) 296 final |

Delegations will find attached a copy of the above-mentioned letter.

---

[1] Translation(s) of the opinion may be available in English on the Interparliamentary EU information exchange Internet site (IPEX) at the following address: http://www.ipex.eu/IPEXL-WEB/search.do

## OPINJONI MOTIVATA TAL-PARLAMENT TA' MALTA

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi qafas fuq l-aċċess għas-suq tas-servizji portwarji u t-trasparenza finanzjara tal-portijiet (KUMM(2013) 296)**

### 1 Raġunijiet

L-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru. 2 fuq l-Applikazzjoni tal-Principji ta' Sussidjaretà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona jipprovdi li kull Parlament nazzjonali jista', fi żmien tmien ġimgħat mid-data minn meta jirċievi abbozz ta'att leġislattiv uffiċjali tal-Unjoni, jibgħat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni opinjoni motivata bir-raġunijiet li għalihom iqis li l-abbozz in kwistjoni ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

### 2 Opinjoni Motivata

**Is-setgħa tal-Unjoni li taġixxi**

Il-Parlament Malti iqis li l-Proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara ta' ħtieġa għal azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropeja. Ħtieġa għall-azzjoni mill-Unjoni huwa pre-rekwiżit kemm għal azzjoni fil-livell ta' UE kif ukoll biex tintlaħaq konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Ħtieġa għal azzjoni mill-UE għanda tkun sostanzjata minn evidenza miġbura u evalwata f'valuazzjoni tal-impatt, aktar milli minn perċezzjoni ta'bżonn li naġixxu. L-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni kif ukoll l-valutazzjoni tal-impatt huma bbażati fuq il-perċezzjonijiet ta'ħtieġa ta'azzjoni, li huma suġġettivi, b'kuntrast ma'evidenza oġġettiva ta'bżonn ta'azzjoni. M'hemm l-ebda evidenza ċara ta'għaliex il-leġiżlazzjoni fuq id-dritt li titmexxa azzjoni kollettiva fil-kuntest li jiġi pprovdut qafas għal aċċess tas-suq tas-servizzi portwarji u t-trasparenza finanzjara tal-portijiet hija meħtieġa, jew ta'dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta.

Il-Parlament Malti jemmen li azzjoni fuq livell Ewropew għandha tkun ta' natura mhux leġiżlattiva għaliex hekk biss tista' tigi kkunsidrata u nkorporata d-diversità tal-portijiet Ewropej u l-azzjoni tkun proporzjonali għan-natura kompettittiva ta' dan is-settur. Għaldaqstant, ma jkunx għaqli li tittieħed azzjoni leġiżlattiva meta l-qafas kurrenti għadu ma ġiex użat. Għal dawn ir-raġunijiet nemmnu li ċ-ċertezza legali għandha tkun aċċertata permezz ta' miżuri gwida u trasparenti, flimkien ma' azzjoni f'kull każ fejn ikun hemm problemi. F'dan il-kuntest l-awtoregolazzjoni hija essenzjali.

Sa llum il-Kummissjoni ma pprovdietx evidenza konvinċenti li se jkun hemm problemi globali sinjifikanti fi-prestazzjoni u l-effiċjenza tal-portijiet Ewropej. Fil-parti kbira tagħhom is-servizzi fil-portijiet huma aċċessibli permess ta'*tenders* u *espressjoni ta'interess* u allura din il-proposta mhijiex neċessarja, u ħa toħloq xenarju kumpless li tikkomplika s-settur b'impatt negattiv.

F'dan ir-rigward, huwa prematur li timxi 'l quddiem ma'azzjoni leġiżlattiva f'dan l-istadju.

***Miżuri fil-Proposta***

Id-dispożizzjoni ewlenija tal-Proposta hija l-Artiklu 3 li bażikament tgħid li il-libertà ta' forniment tas-servizzi se tapplika għas-servizzi portwarji. Madankollu l-entitajiet tal-ġestjoni tal-port jistgħu jimponi rekwiżiti minimi dwar il-fornituri ta' servizzi tal-port speċifiċi. Meta jkunu imposti, dawn ir-rekwiżiti għandhom ikunu marbuta biss ma' kwalifiki professjonali, l-apparat neċessarju jew is-sikurezza marittima, mas-sikurezza u s-sigurtà ġenerali fil-port u r-rekwiżiti ambjentali rilevanti u ma għandux ikun mod biex jiddaħħlu b'mod impliċitu ostakli għas-suq, u għalhekk il-kriterji għandhom ikunu oġġettivi u proporzjonati biex jiżguraw trattament ġust għall-operaturi kollha, kemm dawk

eżistenti kif ukoll dawk potenzjali. Operaturi potenzjali għandu jkollhom aċċess għal taħriġ biex jinkisbu l-għarfien lokali u speċifiku rilevanti.

Din id-dispożizzjoni mhix se tkun imposta fuq is-servizzi ta' mmaniġġjar tal-merkanzija u t-*terminals* tal-passiġġieri. Dawn is-servizzi spiss huma organizzati permezz ta' kuntratti ta' konċessjoni li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva futura dwar l-għoti ta' kuntratti ta' konċessjoni proposta mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, dispożizzjonijiet legali addizzjonali jistgħu jfixklu l-isforzi li qed isiru biex jinbeda Djalogu Soċjali fuq livell tal-Unjoni. Għall-kuntrarju tas-servizzi ta' pilotaġġ għad-dħul u l-ħruġ mill-portijiet, is-servizzi ta' pilotaġġ imwettqa fil-baħar miftuħ ma għandhomx rwol dirett fl-effiċjenza tal-port, u għalhekk mhumiex inklużi f'dan ir-Regolament.

Fejn ikun applikabbli, il-libertà ddikjarata għall-forniment tas-servizzi tista' tkun soġġetta għal limitazzjoni tan-numru ta' fornituri tas-servizzi. Din ir-restrizzjoni hija permessa biss fil-każ ta' spazju jew riservazzjoni kostretti li jekk ikunu dokumentati b'mod ċar fi pjan ta' żvilupp tal-portijiet formali jistgħu jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-għadd ta' operaturi attivi fil-perimetru tal-port jew fil-każ ta' obbligu tas-servizz pubbliku impost fuq l-operatur u li għalih l-intenzjoni għandha tkun ċara u disponibbli pubblikament.

Fil-każ ta' obbligi ta' servizz pubbliku li jiġu imposti minn awtorità kompetenti f'port jew f'diversi portijiet tali awtorità se jkollha l-opportunità li torganizza u tisfrutta kummerċjalment servizzi speċifiċi tal-port innifsu bil-kundizzjoni li l-attività tibqa' marbuta mal-port jew portijiet fejn hija timponi l-obbligi ta' servizz pubbliku. Id-drittijiet tal-impjegati għandhom jiġu salvagwardjati u l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jkomplu jsaħħu dawn id-drittijiet f'każ ta' trasferiment ta' impriżi u l-persunal rilevanti li kien jaħdem għall-impriża l-antika. F'dawk il-każijiet li fihom l-entitajiet tal-ġestjoni tal-port jibbenefikaw minn fondi pubbliċi, għandu jkun hemm kontijiet trasparenti li juru l-użu effettiv u xieraq ta' dawn il-fondi pubbliċi. F'dawk il-każijiet fejn ikun hemm il-fornituri tas-servizzi tal-portijiet maħtura ma kinux soġġetti għal proċedura ta' sejħa għall-offerti pubblika miftuħa u fil-każ ta' operaturi interni, għandu jiġi żgurat li l-prezz għas-servizz ikun trasparenti, mhux diskriminatorju u stabbilit skont il-kundizzjonijiet normali tas-suq. L-entitajiet tal-ġestjoni tal-port għandhom jiddefinixxu l-imposti tal-infrastruttura tal-port b'mod awtonomu u skont l-istrateġija tal-investiment u kummerċjali tagħhom stess.

In-nollijiet tal-infrastruttura tal-portijiet jistgħu jvarjaw skont il-prattiki kummerċjali relatati mal-użu regolari tal-port, jew biex jippromwovu użu aktar effiċjenti tal-infrastruttura tal-port, tat-tbaħħir fuq distanza qasira jew tal-prestazzjoni ambjentali għolja, l-effiċjenza enerġetika jew l-effiċjenza tal-karbonju tal-operazzjonijiet ta' trasport.

Il-Regolament kif propost jipprovdi għat twaqqif ta' kumitat konsultattiv tal-utenti tal-port. Dan il-kumitat se jiġbor fih rappreżentanti ta' operaturi ta' bastimenti, sidien ta' merkanzija jew utenti oħrajn tal-port li huma mitluba jħallsu imposta għall-infrastrittura tal-port jew noll għas-servizz tal-port. Dan il-Kumitat għandu jkun ikkonsultat dwar l-istruttura u l-livell tal-imposti tal-infrastruttura tal-port u f'ċerti każijiet in-nollijiet tas-servizzi tal-port.

***Konklużjoni***

Il-Parlament Malti kkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza cara ta'ħtieġa ta'azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropea u lanqas ta'dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta. Il-Kummissjoni wkoll, f'Artiklu 3, tipproponi miżuri li jistgħu jaffetwaw negattivament s-sistemi ta'relazzjonijiet industrijali li huma stabilliti fl-Istati Membri.

Il-Parlament Malti ddeċieda li joġġezzjona ghall-Proposta u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta'Sussidjarjeta u Proporzjonalita, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.